**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 20 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru: **860/95TM**

Numru**:**

**Maria Barbara u Carmelo Farrugia**

vs

**Maria Dolores sive Doris Vella, Antonia Caruana, Joseph Farrugia, Anna Cortis, John sive Ivan Farrugia u George Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Gunju, 1995 li biha l-atturi ppremettew illi l-kontendenti huma ulied il-mejtin Giovanna Farrugia u Carmelo Farrugia; Giovanna Farrugia mietet fit-3 ta' Settembru, 1990 filwaqt illi Carmelo Farrugia miet fil-31 ta' Jannar, 1995; Giovanna u Carmelo mizzewgin Farrugia mietu testati *in forza* ta'

testment *unica charta* ppublikat min-Nutar Dottor Angelo Vella fit-18 ta' Gunju, 1986, kopja esebita Dok "A";

Ippremettew illi t-testaturi hallew lil xulxin b'titolu ta' legat reciproku cioe' il-premorjent lis-superstit fosthom l-usu u l-usufrutt ta' l-assi universali taghhom u istitwew lit-tmien uliedhom bhala eredi universali u b'hekk Carmelo Farrugia kien usufruttwarju ta' l-assi ta' martu;

Ippremettew illi wara l-mewt ta' martu Carmelo Farrugia iddona lill-konvenuti deheb u hagar prezzjuz ad esklusjoni ta' l-atturi u b'hekk kien qieghed jaghmel donazzjoni ta' oggetti li taghhom l-atturi kellhom in-nuda propjeta';

Ippremettew illi d-donazzjoni ta' tali deheb u hagar prezzjuz hija nulla u inattendibbli u l-atturi qed jagixxu biex jannullawha;

Ippremettew illi l-atturi ma jixtiequx illi jibqghu fil-kommunjoni u fil-koproprjieta' ta' l-eredita' tal-genituri u jitolbu d-divizjoni ta' l-eredita'.

Talbu ghalhekk li l-konvenuti ighidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi d-donazzjoni maghmula minn Carmelo Farrugia lill-konvenuti ta' deheb u hagar prezzjuz wara l-mewt ta' martu nulla u inattendibbli;

2. tordna lill-konvenuti li jirritornaw lill-eredita' d-deheb u l-hagar prezzjuz oggett tad-donazzjoni annullata;

3. taccerta wara d-dikjarazzjoni ta' nullita' mitluba fil-paragrafu precedenti, l-konsistenza ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn Carmelo Farrugia u martu Giovanna Farrugia;

4. tillikwida sehem Giovanna Farrugia mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

5. tillikwida sehem Carmelo Farrugia mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

6. tassenja u tiddividi bejn il-kontendenti fi tmien porzjonijiet ugwali bejniethom l-eredita' kif likwidata tal-genituri taghhom.

Bl-imghax u bl-ispejjez; il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Maria Dolores sive Doris Vella, Anna Cortis u John sive Ivan Farrugia li eccepixxew riverentement.

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet.

1. Illi t-testatur Carmelo Farrugia kellu dritt jiddisponi mill-beni kollha tieghu kif ried diment li jhalli l-legittima kif rikjesta mill-ligi.

2. Illi *di piu'* l-oggetti in kwistjoni inghataw lill-eccipjenti bhala rikompens ghas-servigi li huma taw lit-testatur, haga li kellu dejjem il-fakolta' li jaghmel, u li huwa rikonfermat fit-testment stess.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut George Farrugia fejn eccepixxa :

1. Illi relattivament ghall-ewwel u t-tieni talba ta' l-atturi, il-konvenut mhux edott mill-fatti u jirriserva li jaghti eccezzjonijiet, jekk ikun il-kaz, fi stadju ulterjuri.

2. Illi l-konvenut ma jopponix ghat-tielet, ir-raba', il-hames u sitt talba, b'dan li ghandu jigi accetat l-interita' ta' l-assi ereditarju tal-mejtin Carmelo u martu Giovanna Farrugia, u mhux kif qed jigi mitlub, dak provenjenti biss mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota ta' L-Eccezzjonijiet ta' Joseph Farrugia u Antonia Caruana li eccepixxew riverentement.

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet.

1. Illi t-testatur Carmelo Farrugia kellu dritt jiddisponi mill-beni kollha tieghu kif ried diment li jhalli l-legittima kif rikjesta mill-ligi.

2. Illi di piu' u minghajr pregudizzju l-oggetti in kwistjoni inghataw lill-eccipjenti bhala rikompens ghas-servigi li huma taw lit-testatur, haga li kellu dejjem il-fakolta' li jaghmel, u li huwa rikonfermat fit-testment stess.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru, 1998, li *in forza* tieghu gie nominat bhala Perit Tekniku, is-Sur John Mallia sabiex jiddentifika l-oggetti li ghandhom il-partijiet in komun, jiddeskrivi l-istess oggetti u, jekk jidhirlu, jiffotografhom.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnu mahluf fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2001;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda u l-provi prodotti;

Ikkunsidrat:

Illi t-talba principali ta' din il-kawza tirreferi ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt tal-konjugi Giovanna u Carmelo Farrugia li mietu rispettivament fit-3 ta' Settembru, 1990, u fil-31 ta' Jannar, 1995. Illi din il-likwidazzjoni hija subordinata ghal talba li qed jaghmlu l-atturi biex jithassar donazzjoni ta' certi oggetti tad-deheb li d-decujies Carmelo Farrugia, wara l-mewt ta' martu, kien ghamel a favur il-konvenuti.

Illi, filwaqt li l-konvenut George Farrugia, tista' tghid, irrimetta ruhu ghall-atti, il-konvenuti l-ohra opponew it-thassir tad-donazzjoni ghax allegaw li Carmelo Farrugia kellu dritt jiddisponi mill-oggetti in kwistjoni u, *inoltre*, dawk l-oggetti haduhom bhala rikompens ghas-servigi li huna taw lill-missierhom.

Illi fuq din il-kwistjoni tad-donazzjoni, jidher car li wara l-mewt ta' l-omm, il-missier ma kellu ebda dritt jiddisponi mid-deheb kollu, ghax nofs dak id-deheb kien intiret mill-ulied f'isthma indaqs u l-missier kellu biss id-tgawdija u mhux id-disponibilita' ta' dak is-sehem. L-artiklu 1741 tal-Kodici Civili jiddisponi li  d-donant jista' jaghti biss il-

propjeta' presenti tieghu, u ma jistax jaghti bhala donazzjoni oggetti li mhumiex tieghu. Il-konvenuti lanqas jistghu jargumentaw illi huma kienu *in buona fede* meta hadu l-oggetti, ghax bhala fatt ma kienux. Wara l-mewt ta' ommhom huma zgur li kienu jafu li l-werrieta huma l-ahwa kollha indaqs, u ma jistghux, allura jargumentaw illi huma kienu qed jippossiedu *in buona fede*.

Oltre dan, mill-provi jirrizulta li l-assi tal-konjugi Farrugia kienu jikkonsistu biss fil-hagar prezzjuz li l-missier iddona wara l-mewt ta' martu. Ix-xhieda kollha jghidu li flus ma kienx hemm u l-missier ma kienx ipoggi xi flus f'bank ghax il-pensjoni li kellu kien iridha kollha. Hemm min ghid ukoll li l-omm kienet dilettanta tad-deheb u ma kinetx izzomm flus, ghax kull sold li jkollha kienet tinvestih f'deheb. Infatti, apparti li xhud wiehed isemmi d-dar ta' abitazzjoni, l-ohrajn kollha jghidu li l-unika haga prezzjuza li kellha l-konjugi Farrugia, kienet il-kollezzjoni tad-deheb.

Illi dan iwassal lill-Qorti tikkonkludi li d-donazzjoni li ghamel il-missier wara l-mewt ta' martu hija kollha invalida. Veru li hu kien ghadu proprjetarju ta' nofs id-deheb, u kwindi seta' jiddisponi minnu kif ried, pero', meta *si tratta* ta' donazzjoni ta' oggetti li l-valur taghhom, mehud kont tac-cirkustanzi, ma jistax jitqies moderat, tali donazzjoni kellha issir b'kuntratt pubbliku (art. 1753 tal-Kodici Civili). Il-valur tad-deheb in kwistjoni jidher li hu wiehed mhux zghir, u mehud kont tac-cirkostanzi li dak id-deheb kien, tista' tghid, l-uniku oggett ta' valur tad-donanti, il-pubblikazzjoni ta' att notarili kien mehtieg u rikjest.

Illi wiehed jista wkoll jirreferi ghall-artikolu 913 tal-Kodici Civili li jiddisponi li oggetti li jkunu inghataw b'donazzjoni lill-ulied,

ghandhom fl-interess ta' l-ahwa, jingiebu kollha fil-massa tal-wirt. Dan ifisser illi anke kieku d-donazzjonijiet kienu validi (u l-Qorti hija propensa tiddeciedi li ma kienux), xorta wahda f'kawza ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt tal-konjugi Farrugia, il-valur tad-deheb donat kien ikollu jittiehed in konsiderazzjoni.

Uhud mill-konvenuti jallegaw li dawk ir-rigali ma kienux donazzjonijiet, izda hlas ghas-servigi resi. Ma jidhirx, pero', li da parti tal-konvenuti sar xi xoghol ta' natura hekk delikata li kienet timmerita hlas ta' kumpens. Hafna mill-konvenuti kienu semplicement izommuh kumpanija, u l-uniku wiehed li ghamel xi haga apprezzabbli, John sive Ivan Farrugia, ghamel li ghamel ghax baqa' guvni jghix fid-dar ta' missieru; ta' dak li ghamel, dan gie kumpensat billi baqa' jabita fid-dar ta' missieru bla hlas ta' kera u, wisq probabbli, billi jhallas ghall-ikel u s-servizzi mill-pensjoni ta' misssieru. Da parti ta' l-ahwa l-ohra, mid-deskrizzjoni li huma stess taw, ma jirrizultax la l-entita' tas-servigi, la z-zmien u lanqas in-natura taghhom. Wiehed ma jridx jinsa wkoll illi, kif xehed Carmelo Farrugia, sa sitt xhur qabel ma miet, missieru kien ghadu jsuq il-karozza wahdu, tant li gieli kien jitla' sa hdejh ghall-insib. Il-missier, f'dan il-kaz, kumpanija u ftit ghajnuna kellu bzonn u mhux servigi, u ghal din l-ghajnuna gew *oltre* milli kkompensati bl-uzu li l-konvenuti ghamlu minn mobbli u immobbli appartenenti lill-assi tal-genituri. Kif osservat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Fenech vs Galea" decisa fit-18 ta' Ottubru, 1989, ghalkemm wahda mit-tfal, f'dak il-kaz, kienet tghix man-nanna, din ma kienetx *disabled* u kienet kapaci tieghu hsieb lilha nnifisha, u t-talba ghall-kumpens giet fil-fatt, michuda. Dik l-Onorabbli Qorti kompliet tghid li l-ftit qadi li kienet taghmilha, hu oltre milli kumpensat bil-fatt li kienet tghix man-nanna

u ma kien jonqosha xejn. Kumpens ghal servigi m'ghandux jinghata ghal kull haga ta' xejn jew kull meta jkun hemm ghajnuna li ma tohrogx 'l barra minn dak li hu ragjonevolment mistenni mill-ulied lejn genituri anzjani.

Stabbilit, mela, li d-deheb moghti b'donazzjoni mill-missier ghandu jidhol fil-massa tal-wirt, irid, issa, jigi identifikat dan id-deheb. Il-Qorti trid toqghod fuq dak li jirrizutalha pruvat u ma tistax taghti kaz allegazzjonijiet fuq x'seta' kien hemm aktar. L-attur Carmelo Farrugia, per ezempju, jghid li kien hemm erba' cappetti mhux tnejn, izda ma jafx x'sar mit-tnejn li ma ssemmux. Antonia Caruana tinsisti li ommha tnejn biss kellha. L-attur in oltre, ma kienx kapaci jaghti deskrizzjoni tat-tnejn li "sparixxew", u fid-dawl tal-konflitt fil-provi, meta dawn ic-cappetti ma gewx prodotti, din il-Qorti ma tistax tqies li saret prova li, fil-fatt, kien hemm erba' cappetti.

Hekk ukoll l-istess attur jghid li ommu kellha arlogg tad-deheb, izda ma jafx dan x'sar minnu (ara xhieda tieghu a fol 88 tal-process); kwindi, ma nafux jekk ghadux jezisti jew le, u jekk, ghadu jezisti, fejn hu. L-istess attur jghid li kien hemm hafna affarijiet ohra, pero', fin-nuqqas ta' prova ta' fejn dawn jinsabu, jekk ghadhom jezistu, l-Qorti ma tistax tikkunsidra l-oggetti *in vaccuum.*

L-oggetti tad-deheb li din il-Qorti tista' u sejra taqsam huwa dawk elenkati u stmati a fol 101 *et seq* tal-process, u dawk elenkati u stmati a fol 127 *et seq* tal-process. L-ahwa, eredi tal-konjugi Farrugia, huma tmienja, u kwindi dan id-deheb ghandu jinqasam fi tmien *lots* biex kull werriet ikun jista', imbaghad, itella' l-parti tieghu bix-xorti.

Il-valur tad-deheb stmat a fol 101 *et seq* tal-process jilhaq is-somma ta’ LM1317, waqt li l-valur tad-deheb stmat a fol 127 *et seq* tal-process jilhaq is-somma ta’ LM558. B’kollox, ghalhekk, hemm deheb li jilhaq il-valur ta’ LM1875, li jfisser li kull werriet irid jiehu LM234 valur f’deheb. Peress li hemm bicciet ta’ deheb li jiswew aktar minn dan is-sehem, u peress li d-deheb ma jistax, ampjament, jitkisser f’bicciet zghar, sejjer ikun hemm hlas ta’ ekwiparazzjoni. Fil-formazzjoni tal-lottijiet, se jsir tentattiv biex kull sehem tiehu bicca kbira, izda, kif huma l-valuri, dan mhux sejjer ikun ghal kollox possibbli.

Ghalhekk it-tmien lottijiet ghandhom ikunu hekk:

*Lot* 1: Brazzuletta (LM304): dan ghandu jaghti LM22 lill-*lot* 4, LM24 lill-*lot* 5 u LM24 lill-*lot* 6;

*Lot* 2: Katina (LM236)

*Lot* 3: Katina (LM295): dan ghandu jaghti LM9 lill-*lot* 6, LM22 lill-*lot* 7 u LM29 lill-lot 8;

*Lot* 4: Bangle (LM187) + curkett tad-deheb bic-*chip diamonds* (LM25) + LM22 minghand *lot* 1;

*Lot* 5: Katina tad-deheb (LM115) + curkett tad-deheb (LM47) + signet ring tad-deheb (LM48) + LM24 minghand *Lot* 1;

*Lot* 6: Curkett (LM58) + par imsielet (LM58) + curkett tat-tieg (LM38) + arlogg ta' l-irgiel (LM45) + pendent tal-metal bil-gebla (LM2) + LM24 minghand *lot* 1 u LM9 minghand *lot* 3;

*Lot* 7: brooch (LM87) + par imsielet (LM45) + curkett tat-tieg (LM25) + *brooch* tad-deheb bil-*cameo* (LM55) + LM22 minghand lot 3;

*Lot* 8: Sett tal-fidda (9 bicciet) mid-djamond (LM95) + curkett tad-deheb b'hagar abjad (LM40) + curkett tat-tieg wiesa (LM30) + curkett bir-rosi (LM20) + brooch tad-deheb b'hagar abjad (LM10) + *cameo* mhux irimuntat (LM10) + LM29 mill-lot 3.

Il-valuri hdejn kull oggett, inghata biex tigi facilitata l-identifikazzjoni ta' l-oggett li tqieghed f'kull sehem. Il-valuri huma dawk kif stmati u kif jirrizultaw fil-process. Dawn l-ishma ghandhom jitilghu bix-xorti bejn l-ahwa Farrugia, kontendenti f'din il-kawza.

Oltre dan, jirrizulta li fl-assi hemm ukoll id-dar 59, New Street, Qormi, (ara xhieda ta' John sive Ivan Farrugia a fol 48 tal-process). Din id-dar trid, ovvjament, tinbiegh, wara li ssir stima taghha, u r-rikavat diviz bejn il-kontendenti f'ishma indaqs.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attrici, u ghalhekk, tilqa' t-tielet talba attrici billi tiddikjara li l-assi tal-konjugi Carmelo u Giovanna Farrugia jikkonsistu fid-dar 59, New Street, Qormi, u l-hagar prezzjuz deskritt aktar qabel f'din is-sentenza, u tillikwida l-istess billi tordna li l-hagar prezzjuz jinqasam fi tmien lottijiet kif

deskritt fil-parti precedenti ta' din is-sentenza (li, ghal kull *buon fini*, ghandha titqies bhala parti ntegrali ta' din id-decida), liema lottijiet ghandhom jitilghu bix-xorti bejn il-partijiet f'din il-kawza u, ghal dan il-fini, qed tahtar lil John Mallia biex jipprepara il-lottijiet skond kif maghmula f'din is-sentenza u jtella' l-istess lottijiet bix-xorti bejn il-partijiet f'gurnata, hin u lok li ghandha tiffisa din il-Qorti wara talba ghaldaqshekk li ghandha issir mill-imsemmi John Mallia, u jassenja lil kull parti s-sehem li lilu jmissu, u tahtar ukoll lill-avukat Dr Audrey Demicoli biex tirraprezenta lil kull min jibqa' kontumaci f'dan is-sortegg; tordna wkoll li d-dar 59, New Street, Qormi, ghandha tinbiegh bil-licitazzjoni, wara li l-istess fond tigi stmata mill-perit David Pace, li qed jinhatar ghal dan l-iskop, minghajr ma jigu permessi *oblaturi estranei* (peress li ma saretx talba ghal dan kif titlob il-ligi), bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

L-ispejjes tal-kawza ghandhom jithallsu, kwantu ghal nofs, mill-konvenuti Maria Dolores sive Doris Vella, Antonia Caruana, Joseph Farrugia, Anna Cortis u John sive Ivan Farrugia u kwantu ghal nofs, bejn il-partijiet kollha fil-kawza f'isthma indaqs bejniethom.

**IMHALLEF**

**D/REG**

**Cit. Nru. 860/95TM**